**200. Il-Prim Ministru, l-Onor. Dom Mintoff, jipproponi din ir-Riżoluzzjoni:**

## KIRI TA' SITI F'KALAFRANA U ST. ANDREWS
## LILL- MEDISLE HOLIDAYS COMPANY LIMITED

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta beħsiebu jikri lil Medisle Holiday Company Limited is-siti f'Kalafrana u St Andrews, deskritti aħjar fl-Abbozz ta' Ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, għaż-żmien, bil-kera u taħt il-kondizzjonijiet li jinsabu fl-istess Abbozz;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu ( ċ ) tas- subartikolu ( 1) tal-artikolu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun propjeta' tal- Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita " skond riżoluzzjoni speċjali tal- Kamra tad- Deputati li tkun fis- seħħ fil-ħin tat-trasferiment" ;

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li s-siti f'Kalafrana u St Andrews jistgħu jiġu mogħtija lill-imsemmija kumpannija, Medisle Holidays Company Limited, għaż-żmien , għall-iskop u skond il-pattijiet u kondizzjonijiet imsemmija fl-Abbozz li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra.

30.07.1979